MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 158/2005/1

**Malta Shipyards Limited (C-32345)**

**v.**

**General Worker's Union**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:
"Premess illi l-konvenuti General Workers' Union (GWU) permezz ta' email tas-Sibt 29 ta' Jannar 2005 infurmaw lill-atturi (MSL) illi ser jidhlu fis-sehh b'mod immedjat serje

ta' direttivi ghal azzjonijiet industrijali fl-azjenda operata mill-MSL, liema azzjonijiet dahlu fis-sehh immedjatament.

"Premess illi tali direttivi u azzjoni industrijali, kif ukoll l-agir in generali tal-GWU f'dan ir-rigward huma bi ksur tal-Ftehim Kollettiv bejn il-partijiet billi:-

a) Jinjoraw il-klawsola numru 1.4 li tipprovdi illi "The Shipyards and the Union pledge their commitment to comply with the provisions of this agreement" peress illi jwasslu ghall-ksur tal-klawzoli 1.5 u 1.6 (a) (b) u (c) tal-Ftehim;

b) Specifikament jiksru l-obbligu illi "any dispute should not be made evident to the Shipyards clients" (Klawzola 1.5) u dan peress illi t-tilwima, minhabba d-direttivi, giet a konoxxenza pjena tal-klijenti tal-MSL, b'dan illi ga waslu ghand l-MSL numru ta' ittri ta' protesta u li jzommu lill-MSL responsabbli ghad-danni

c) Specifikament jiksru l-obbligu illi "...whenever possible, the written agreement prior to the difference shall prevail pending a settlement" (Klawzola 1.6 (a) ) u dan peress illi fil-fehma tal-MSL, ma kien hemm assolutament xejn li jwaqqaf illi jitkomplew id-diskussjonijiet kif fil-fatt kien hemm qbil li jitkomplew u fil-frattemp l-istatus de quo jinzamm ghaddej

d) Specifikament jiksru l-obbligu li jithaddmu l-proceduri ta' rizoluzzjoni ta' tilwim ikkontemplati fil-klawzola 1.6 (b) li jghid illi ghandha tinghajjat laqgha fi zmien 24 siegha u wara jekk ma jkunx hemm ezitu pozittiv jithaddmu l-proceduri ta' *Voluntary Settlement* ikkontemplati fl-Employment & Industrial Relations Act, liema ksur johrog b'mod mill-aktar lampanti mill-fatt illi l-GWU, skond stqarrijiet pubblici taghhom stess, talbu li titlaqqa' laqgha ta' konciljazzjoni granet wara li taw bidu ghad-direttivi

e) Specifikament jiksru l-obbligu li jinghata pre-avviz ta' mhux anqas ta' 36 siegha qabel ma jidhlu fis-sehh azzjonijiet, liema pre-avviz bl-ebda mod ma nghata.

“Premess illi fid-dawl ta’ dan kollu l-agir ta’ l-GWU hu bi ksur tal-Ftehim Kollettiv li jikkostitwixxi rbit kuntrattwali bejn il-partijiet.

“Premess illi l-agir ta’ l-GWU irreka danni attwali konsiderevoli lill-MSL minhabba waqfien mix-xoghol, nuqqas ta’ produttivita’, hlasijiet ta’ penali u xort’ohra, kif jigi muri waqt is-smiegh.

“Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

(1) Tiddikjara illi l-agir premess jikkostitwixxi ksur tal-kuntratt vigenti bejn il-partijiet da parti tal-konvenuti

(2) Tillikwida d-danni konsegwenzjali ghal dan il-ksur ta’ kuntratt

(3) Tiddikjara illi d-danni hekk likwidati huma responsabbli ghalihom il-konvenuti

(4) Tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu d-danni hekk illikwidati lill-atturi.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju u r-rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru pprezentati fit-3 ta’ Frar 2005 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti mharrka minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Union konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
“(1) Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Union konvenuta ma kissritx dak mahsub fil-Ftehim Kollettiv datat erbgha (4) ta’ Novembru elfejn u tlieta (2003);

“(2) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-artikoli tal-imsemmi Ftehim Kollettiv li dwarhom tilmenta specifikament is-socjeta` attrici ghandhom biss funzjoni procedurali u natura ta’ “industrial peace treaty” u, bhala

tali, mhumiex legalment u gudizzjarjament enforzabbli jew sanzjonabbli;

“(3) Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-direttivi ta’ azzjoni industrijali moghtija mill-Union eccipjenti, moghtija bl-intiza li titmexxa ‘l quddiem it-tilwima ta’ xoghol bejn il-partijiet, ma humiex passibbli ghall-azzjoni proposta mis-socjeta` attrici, in kwantu huma koperti bl-immunita` legali ai termini tas-Sotto-taqsima II, Taqsima I, Titolu II tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“(4) Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` attrici trid tipprova definittivament li hija sofriet xi danni u, fin-nuqqas, it-talbiet taghha ghandhom ikunu michuda;

“(5) Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Ottubru, 2005 in forza taghha iddecidiet illi:
“Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti fir-rigward ta’ l-artikolu jew klawsola 1.5 tal-ftehim kollettiv bejn il-partijiet, tichadha fir-rigward ta’ l-artikoli jew klawsoli l-ohra tal-istess ftehim kollettiv u tordna li l-kawza tkompli tinstema’ fir-rigward ta’ dawn l-artikoli jew klawsoli.

“L-ispejjez ta’ din l-istanza, *stante* n-novita’ tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.”

Din id-decizjoni nghatat minn dik il-Qorti wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi l-eccezzjoni in kwistjoni hija fis-sens li ftehim kollettiv m’huwiex legalment esegwibbli fis-sens li wahda mill-partijiet li tkun iffirmatu ma tistax titlob danni fil-konfront tan-naha l-ohra ghaliex tallega li dik il-parti kisret xi provvediment ta’ l-istess ftehim kollettiv. Skond il-konvenuti l-ftehim imsemmi ghandu biss funzjoni procedurali u natura ta’ *industrial peace treaty.*

"Dan jista' jidher *prima facie* li jmur kontra l-principji generali tad-dritt u senjatament kontra l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili illi jghid li "*Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom is-sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*" Il-konvenuti pero` qeghdin jiccitaw awturi u sentenzi tal-Qrati Inglizi a sostenn ta' din l-eccezzjoni taghhom.

"Huwa mportanti f'kawzi bhal dawn li wiehed jara l-origini tal-ligijiet taghna u mhux difficli wiehed jikkonkludi li l-ligijiet taghna fil-qasam industrijali huma nfluwenzati hafna mil-ligijiet Inglizi li kienu *in vigore* fiz-zminijiet rilevanti, hafna drabi dipendenti fuq il-linja politika tal-Gvern tal-gurnata fiz-zewg pajjizi.

"L-Ingilterra t-*trade unions* gew legalizzati ghall-ewwel darba fl-1871 permezz tat-*Trade Union Act* ghaliex qabel dan *trade union* ma setghatx tinforza ebda ftehim li tkun dahlet ghalih anke jekk dan kien ta' natura civili. Dan ir-rikonoxximent pero` rrizulta f'zewg sentenzi li nghataw fis-sena 1901 mill-Qrati Inglizi fejn l-*unions* gew ikkundannati jhallsu danni kbar minhabba kienu ordnaw azzjonijiet industrijali – wiehed minnhom il-kaz celebri <u>Taff Vale Railway Company vs Amalgameted Society of Railway Servants</u>. Ghalhekk hames snin wara l-Parlament approva t-*Trade Dispute Act* li permezz taghha ghall-ewwel darba ddahhlet l-immunita` tat-*trade unions* minhabba azzjonijiet industrijali.

"F'Malta l-ewwel ligi xi ftit jew wisq komprensiva kienet l-Ordinanza dwar *Trade Unions* u Kwistjonijiet tax-xoghol tal-1945 li kienet ibbazata fuq din il-ligi msemmija ta' l-1906. Sa dak iz-zmien il-kuncett tal-ftehim kollettiv ma kienx jissemma. Din il-ligi baqghet *in vigore* sa l-1976 meta dahal *in vigore* l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali li gabar taht ligi wahda hafna minn normi applikabbli fi kwistjonijiet industrijali. Dan kien ibbazzat fuq it-*Trade Union And Labour Relations Act* mghoddi mill-Parlament Ingliz fl-1974 li kien nehha l-*Industrial Relations Act* tal-1971 li kienet naqqset drastikament l-immunitajiet tal-*unions* f'azzjonijiet industrijali. L-Att ta' l-1974 kien rega' integra dawn l-immunitajiet. Kien f'dawn il-ligijiet li

ssemma ghall-ewwel darba l-hekk imsejjah ftehim kollettiv. L-Att ta’ l-1976 gie revokat permezz ta’ l-Att XXII ta’ l-2002 li pero` ma biddilx fis-sustanza din il-parti tal-ligi ghalkemm kien ferm iktar komprensiv mill-Att li rrimpjazza. Dan ghaliex gabar go fih mhux biss ligi li tirregola r-relazzjonijiet industrijali izda wkoll materji ohra li qabel kienu regolati minn ligijiet ohra li jirrigwardjaw ix-xoghol.

“Qabel ma wiehed jara x’tghid il-ligi taghna u allura x’tista’ tkun il-posizzjoni li ghandha tittiehed f’pajjizna, l-eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi ezaminata fl-isfond tad-decizjonijiet ta’ l-awturi u Qrati Inglizi li qed jiccitaw.

“L-awtur Brian Doyle fil-ktieb Labour Law in Britain (Ed. R Lewis) jghid hekk;

“*The collective agreement has been described by Kahn Fruend (1983; 154) as an industrial peace treaty and as a source of rules for terms and conditions of employment, for the distribution of work and the stability for jobs.*

*… Are collective agreements legally enforceable? The answer to this question, quite exceptionally under British Law has been strongly influenced by academic opinions. The proposition that collective agreements are not legally enforceable as contracts was advanced by Kahn Freund. He considered that the parties to collective bargain normally did not intend legal consequences and viewed their agreement as being binding in honour only. The non-legalistic style of collective bargaining and the vague content of collective agreements taken with the voluntary nature of the British industrial relations system as a whole made such reasoning irresistible. Kahn Freund’ analysis … played an influential part in the leading case on the legal enforceability of collective agreements,* Ford Motor Co. Ltd vs AUEFW (1969).”

“F’din il-kawza, li giet deciza taht il-ligijiet ta’ qabel l-Att tal-1971 gie ritenut illi ftehim kollettiv ma jsirx bi skop li jkun jorbot legalment lill-partijiet; “*The court was unable to find an express or implied intention on the part of Ford’s management and unions to indicate that they regarded*

*their agreements as anything more than binding in honour only. In addition as the agreements were couched in vague and aspirational terms they were hardly amendable to legal enforcement.*" Ghandu jinghad li sa dak iz-zmien fir-Renju Unit il-ligi ma kienet tghid xejn – kif jghid l-imsemmi Kahn Freund (Labour and the Law – 1977); "*It did not say that collective agreements were contracts nor did it say they were not.*" (pagna 125); "*This lack of contractual intent is not due to the caprice of the parties. It is rooted in history and more importantly in the structure of British collective bargaining ... even if the parties intended to give contractual force to their agreements, they could not in many cases do so unless they changed their bargaining methods. The language of many agreements is so vague that a Court may have to hold them 'void for uncertainty'.*" (pagna 127).

"Kif gia` inghad l-Att tal-1971 fir-Renju Unit kien ipprova jaqleb din il-posizzjoni izda dan ma kellux l-effett mixtieq mill-legislatur – kif jghid l-istess kittieb. "*The Trade Union and Labour Relations Act 1974 has put in their place a series of provisions which give legal form to – and at the same time clarify – the situation as it was before the 1971 Act. That Act – repealed by the 1974 Act – had made the law of collective agreements stand on its head and the 1974 Act put it back on its feet. This it did by reversing the conclusive presumption. This is now .. to the effect that the agreement is not intended by the parties to be legally enforceable except to the extent to which the contrary is expressed in writing..*" Ghalhekk taht l-Att tal-1974 il-posizzjoni fir-Renju Unit hija li ftehim kollettiv m'huwiex legalment enforzabbli sakemm ma jintweriex il-kuntrarju fl-istess ftehim. Billi l-ligi taghna – li qatt ma dahhlet dan il-principju bil-miktub (la naha u lanqas ohra) ghadha sostanzjalment ibbazata fuq dan l-Att fejn jidhlu immunitajiet tal-ghaqdiet tax-xoghol f'cirkostanzi normali wiehed japplika dak li japplika fir-Renju Unit.

"Madankollu hemm fatturi ohra li ghandhom jigu kkunsidrati. L-ewwelnett wiehed irid jara jekk il-kuncett tal-kuntratt taghna li certament mhux bazat fuq il-ligi Ingliza izda fuq id-dritt Ruman – *pacta sunt servanda* – ghandux

jeffettwa din l-interpreatazzjoni tal-Qrati Inglizi fuq din il-kwistjoni meta wiehed jigi biex jindirizza l-kwistjoni. Imbaghad wiehed irid jara meta u kif issemma fil-ligi taghna l-istitut tal-ftehim kollettiv ghax dan jista' jindika x'jahseb il-legislatur. Bhala fatt l-ewwel darba li dan it-tip ta' ftehim issemma fil-ligi taghna kien fl-att tal-1976 (Kap. 266) u ssejjah *ftehim industrijali.* Wara li ssemma fil-paragrafu tad-definizzjonijiet fejn gie moghti d-definizzjoni moghtija mill-Att tal-1952 dwar il-Kondizzjonijiet tal-Impjiegi (naturalment kif emendat), l-Artikolu 18(4) kien jghid; "*Ma tistax tittiehed azzjoni ghal danni dwar ghemil minn persuna maghmul bil-hsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xoghol u skond direttiva mahruga minn trade union, sew jekk dik il-persuna tkun membru taghha sew jekk le, ghar-raguni biss li tikkonsisti fi ksur ta' kuntratt ta' mpjieg; u kull ghemil kif intqal qabel li ma jkunx ksur ta' ftehim industrijali …ma ghandux jaghti l-jedd lill-principal li jtemm il-kuntratt ta' mpjieg tal-persuna li tkun ghamlet l-ghemil kif intqal qabel, jew li jiddiskrimina kontra taghha, u ma ghandux jitqies bhala nterruzzjoni fis-servizz ta' dik il-persuna.*" (sottolinear tal-Qorti). Allura l-ligi assoggettat il-protezzjoni lill-impjegat jekk jobdi direttiva ta' *trade union* fost affarijiet ohra ghall-osservanza tal-ftehim industrijali. Dan il-principju gie wkoll ikkonfermat permezz tal-Artikolu 64(4) tal-Att XXII tal-2002 (Kap. 452) illi llum jirregola l-kwistjonijiet industrijali f'pajjizna. Jidher ghalhekk illi l-legislatur sa mill-1976 ried jaghti lill-ftehim legali *status* ta' rbit bejn il-partijiet skond il-principji illi dejjem irregolaw id-dritt civili f'pajjizna kif gia ssemma.

"Dan il-punt *per se* qatt ma gie mqajjem f'forum gudizzjarju f'pajjizna ghalkemm kien hemm xi kazi fejn il-Qrati esprimew il-fehma taghhom *obiter*. Per ezempju fil-kawza deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet Joseph Agius vs Avukat Dottor Richard Galea Debono nomine il-Qorti qalet hekk;

"*Hu pacifiku illi ftehim kollettiv ghandu bhala oggett li jistabilixxi l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tax-xoghol tal-impjegati u li inoltre ftehim bhal dan jippresupponi dejjem li almenu meta gie ffirmat, dan ikun maghmul f'isem il-*

*maggoranza (hamisn fil-mija u wiehed) tal-impjegati. Ghalhekk hu meqjus bhala kuntratt, u allura ghandu jigi rispettat u osservat fit-termini tieghu kif jesprimu l-volonta' taz-zewg kontraenti (Angelo Fenech noe vs Joseph Tabone nomine deciza fit13 ta' Marzu, 1995 mill-Qorti tal-Appell).*"

"Ghalhekk skond din is-sentenza ma hemmx dubbju li in kwantu ghall kondizzjonjiet tax-xoghol il-ftehim kollettiv ghandu s-sahha ta' kuntratt u bhala tali ghandu jigi osservat – isegwi allura li jista' jigi legalment inforzat. Dan ghaliex – b'differenza minn kuntratti ohra – parti minnu u cioe' l-ghaqda tax-xoghol taghti l-kunsens taghha ghan-nom tal-haddiema kollha mpjegati mal-parti l-ohra. Fi kliem iehor ma tkunx qed tobbliga ruhha bhala tali u lanqas ma tgawdi mill-obbligazzjoni li jkun dahal ghaliha l-*employer* ghaliex huma fil-fatt il-haddiema li jgawdu mill-pagi u kondizzjonijiet l-ohra tax-xoghol bhal *leave, bonus* u affarijiet ohra – u huma wkoll il-haddiema li jkunu obbligati jaghtu x-xoghol taghhom skond l-istess ftehim.

"Wiehed ghandu wkoll iqis illi fil-konfront bejn l-ghaqda tax-xoghol u l-*employer* huwa biss dan tal-ahhar li jista' jsofri danni jekk, kif qed tallega s-socjeta` attrici, il-parti l-ohra tonqos mill-obbligi taghha skond il-kuntratt. Dan kollu, flimkien ma' l-isfond storiku, ikkonvincew il-Qrati Inglizi jaccettaw it-tezi illi f'din il-kawza qed isostnu l-konvenuti.

"Fl-ordinament guridiku taghna pero` huwa principju sagrosant illi fejn jirrigiwardja obbligazzjonijiet min jobbliga ruhu li jaghmel xi haga huwa passibbli ghad-danni jekk dik il-haga ma jaghmilhiex. Infatti skond l-Artikolu 959 tal-Kodici Civili l-kuntratt huwa msemmi bhala wiehed mill-istituti li jnissel l-obbligazzjonijiet. Allura fil-fehma tal-Qorti wiehed irid jara t-terminu tal-ftehim in kwistjoni biex jikkonkludi jekk il-konvenuti obbligawx ruhhom jaghmlu xi haga li s-socjeta` attrici qed tallega li ma ghamlitx.

"L-atturi ndikaw hames kawzali fic-citazzjoni taghhom – l-ewwel wahda hija ta' natura generali u tiddependi in effetti

fuq l-ohrajn ghaliex hija ta' ntendiment ta' rieda tajba tal-kontendenti.

"It-tieni kawzali hija li l-kwistjoni bejn il-partijiet giet a konoxxenza tal-klijenti tal-atturi meta skond il-ftehim gie ndikat illi "*it is intended that any dispute should not be made evident to the Shipyards' clients.*" Is-sentenza ta' qabilha tghid; "*In the event that any differences arise … it has been agreed to deal with them swiftly and sensibly.*" Ghalkemm l-intenzjoni tal-partijiet hija cara – cioe' li jisbrigaw li jirrangaw id-differenzi b'mod li l-klijenti tal-atturi ma jkunux jafu b'dawn id-differenzi, ma tirrizulta ebda obbligazzjoni cara da parti tal-partijiet li jaghmlu xi haga partikolari. Huwa maghruf li biex tirrizulta obbligazzjoni din trid tkun cara u minghajr ekwivoku. Li l-partijiet jesprimu ntenzjoni ma jfissirx li qed jobbligaw ruhhom li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga. Fil-fehma tal-Qorti fil-waqt li l-partijiet qablu li jzommu l-affarijiet bejniethom kemm jista' jkun il-konvenuti ma obbligawx ruhhom li jzommu l-affarijiet tant b'mod sigriet li ma jkun jaf hadd bid-differenzi li jistghu jinqalghu u dan ghaliex hu mpossibbli li wiehed jaghmel dan. Kien ikun differenti kieku l-atturi allegaw li l-konvenuti nformaw lill-klijenti taghhom bid-differenzi ghaliex allura jistghu jirrizultaw elementi ta' *culpa aquiliana*. Biss l-atturi qed jaghmluha cara hafna fic-citazzjoni illi qed jitolbu danni minhabba ksur tal-ftehim da parti tal-konvenuti. Kien ikun ukoll differenti kieku l-ftehim kien jghid car u tond li l-*union* tobbliga ruhha li jekk ikun hemm differenzi tavza lis-socjeta` attrici b'mod sigriet (fis-sens li tavza persuna partikolari biss) li se tibda azzjonijiet-industrijali, probabilment ghaliex il-partijiet kienu u ghadhom jafu li huwa mpossibbli li hadd ma jkun jaf li jkun hemm xi problemi ta' natura industrijali f'azjenda partikolari, specjalment bhal ma hija dik attrici. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti dahlu ghal ebda obbligazzjoni specifika f'dan l-artikolu jew klawsola (u kwindi l-istess artikolu jew klawsola m'hijiex legalment esegwibbli) u ghalhekk l-eccezzjoni taghhom fir-rigward ta' din il-kawzali hija gustifikata.

"Il-Qorti pero` ma taqblix mal-konvenuti fir-rigward tal-kawzali l-ohra ghaliex l-Artikolu 1.6 jistipula l-procedura li

kellha tigi adottata f'kaz li jinqalghu problemi bejn il-partijiet. Partikolarment l-Artikolu 1.6(b) jghid; "*The shipyards and the Union shall at the request of either party meet to discuss the dispute within 24 hours of the request;*" is-sub-artikolu ta' wara jghid imbaghad illi jekk din il-mizura tfalli; "*either party will give notice to the other party in writing, … of the date and time it is intended to take such action. Such date and time shall be not less than 36 hours after the breakdown of such procedure.*" Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenuti f'dawn is-subartikoli obbligaw ruhhom li jsegwu certa procedura u jekk jirrizulta li huma naqsu li jsegwuha u li s-socjeta` attrici sofriet danni minhabba f'hekk, il-ftehim kollettiv ghandu jkun legalment esegwibbli fis-sens li non-osservanza tieghu jwassal ghal responsabilita' dwar dawn id-danni – salv dejjem l-eccezzjonijiet l-ohra illi ghadhom ma gewx trattati. Dan ghaliex kif gia indikat, fl-ordinament guridiku taghna huwa car li l-kuntratti ghandhom is-sahha ta' ligi bejn il-partijiet."

Rat id-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Ottubru 2005, li in forza tieghu laqghet it-talba tal-Union konvenuta sabiex din tkun awtorizzata tinterponi appell mid-decizjoni fuq riferita qabel is-sentenza finali;

Rat l-appell interpost mill-Union konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti; semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2006;

Rat li l-kawza giet differita ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tad-danni wara li allegat li l-Union konvenuta agixxiet bi ksur tal-Ftehim Kollettiv iffirmat bejn il-partijiet. In linea preliminari, l-Union konvenuta eccepiet li dak il-Ftehim ghandu biss funzjoni procedurali u mhuwiex legalment u gudizzjarjament enforzabbli jew sanzjonabbli. Il-Prim

Awla tal-Qorti Civili, fid-decizjoni taghha tal-10 ta' Ottubru, 2005, laqghet din l-eccezzjoni fir-rigward ta' artikolu wiehed biss tal-Ftehim, izda cahditha fir-rigward tal-kumplament tal-Ftehim Kollettiv, u ddikjarat l-istess enforzabbli. Il-Union konvenuta appellat u qed titlob dikjarazzjoni fis-sens li l-Ftehim Kollettiv kollu mhux enforzabbli.

Dwar in-natura tal-Ftehim Kollettiv jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li, sa fejn dan jirregola l-kundizzjonijiet ta' l-impieg tal-haddiema li ghalihom il-Union tkun iffirmat Ftehim Kollettiv, dawk il-kundizzjonijiet jitqiesu bhala parti integrali mill-kuntratt ta' impieg tal-haddiema milquta, u kwindi enforzabbli legalment u gudizzjarjament bhal kull klawsola kontrattwali ohra. Sa hawn jidher li hemm qbil li dawk il-kundizzjonijiet ta' l-impieg regolati fi Ftehim Kollettiv ghandhom jitqiesu "inkorporati" f'kull kuntratt ta' impieg ta' kull haddiem milqut b'dak il-Ftehim.

Fejn m'hemmx qbil bejn il-partijiet huwa fuq l-effett tal-Ftehim Kollettiv fuq il-firmatarji infushom. Il-Union konvenuta tissottometti illi fil-kuntest tal-funzjoni procedurali tieghu, il-Ftehim Kollettiv ghandu funzjoni ta' "industrial peace treaty" li, pero`, mhux enforzabbli gudizzjarjament. It-tezi tal-Union konvenuta hija bazata kwazi kompletament fuq il-principji li jirregolaw il-materja kif esposti fid-duttrina ingliza. Din il-Qorti, pero`, tara li, f'dan il-kaz, din ir-riferenza hi barra minn lokha.

Fil-waqt li l-principji generali tal-ligi industrijali ta' Malta huma bbazati fuq dawk Inglizi, fejn jidhlu l-elementi u l-enforzar ta' kuntratti b'mod generali, is-sistema Maltija hija differenti minn dik Ingliza. Il-ligi Maltija fuq il-kuntratti u l-effetti taghhom hija bazata fuq id-dritt Ruman, u l-kodifikazzjoni tieghu hija ispirata mill-Kodici ta' Napuljun li, da parti tieghu, huwa bazat fuq il-Pandecte tal-gurista Franciz Pothier, li kien segwaci kbir tad-dritt Ruman li fuqha ibbaza l-opra tieghu. Il-ligi Ingliza, min-naha l-ohra, sa fejn tirreferi ghall-kuntratti u obbligazzjonijiet, hija kollha "judge made law", jigifieri principji li gew zvillupati tul is-sekli man mano li l-Qrati kienu jigu mitluba jiddeciedu fuq kwistjonijiet sottomessi lilhom. Din id-differenza waslet

biex fil-waqt li l-Ingilterra hija maghrufa bhala “a common law country”, Malta, u pajjizi ohra fil-kontinent europew, hija imsejha “a civil law country”.

Rizultat tad-differenza hawn indikata hi li fil-waqt li l-ligi li tirregola l-kuntratti fl-Ingilterra tinsab fil-kazistika, f’Malta din tinsab fil-Kodicijiet Civili u Kummercjali. Dan ifisser li fejn si tratta ta’ principji bazici ta’ kuntratt, dawn iridu jigu skoperti fil-Kodicijiet taghna u l-awturi li jikkummentaw fuqhom. Wiehed, ghalhekk, irid joqghod attent milli jaqbad u jsegwi linja gurisprudenzjali Ingliza, biex jara li din ma tisskozzax mal-principji bazici tal-ligi Maltija.

Il-principji Inglizi huma rizultat ta’ hsieb u interventi gudizzjarji li ovvjament, ikunu ikkondizzjonati bl-istorja tal-pajjiz u l-hsibijiet ta’ awturi Inglizi. Dawk tal-pajjizi fil-kontinent ta’ l-Ewropa (bhala Franza, Belgju, Italja, Spanja u anke Malta) huma rizultat ta’ zvilupp li sar fuq il-ligi Rumana, li kienet gia` kodifikata u ghal zmien twil kienet mifruxa ma’ kwazi l-kontinent kollu. L-origini u l-hsieb wara z-zewg ligijiet hu, ghalhekk, differenti.

Issa fil-kuntest ta’ kuntratt bilaterali, iz-zewg istituti ta’ dritt iqisu kuntratt validu bhala enforzabbli gudizzjarjament. F’kaz ta’ Ftehim Kollettiv, pero`, fl-Ingilterra giet zviluppata eccezzjoni. Din l-eccezzjoni mhix bazata fuq xi principju legali, izda fuq l-istorja Ingliza ta’ relazzjonijiet industrijali. Hekk, fil-ktieb ta’ Kahn Freund (“Labour and the Law”, 1977) li kien u ghadu jitqies bhala l-ktieb klassiku fuq il-materja, hu jghid li din l-eccezzjoni fil-kuntest ta’ Ftehim Kollettiv “is rooted in history and more importantly in the structure of British collective bargaining and especially in the ‘institutional’ or ‘dynamic’ method of bargaining, the impact of ‘custom and practice’, and also the multiplicity of bargaining levels”. Brian Doyle, fil-ktieb “Labour Law in Britain”, *edited by Roy Lewis*, wara li jaghmel referenza ghal dak li qal Freund, ighid li “The non-legalistic style of collective bargaining and the vague content of collective agreement taken with the voluntary nature of the British industrial relations system as a whole, made such reasoning irresistible”.

Fl-istess kuntest, tista' ssir riferenza ghar-rapport ta' Lord Donovan, maghruf bhal ir-rapport tad-Donovan Commission, li ghaliha ghamlet riferenza fl-appell taghha l-Union konvenut. F'dan ir-rapport ukoll jinghad li n-nuqqas ta' inforzabbilita ta' Ftehim Kollettiv "is one of the characteristic features of our system of industrial relations; it is deeply rooted in its structure".

Minn dan jidher car li n-*non-enforcibility* ta' Ftehim Kollettiv fl-Ingilterra hija rizultat ta' storja ingliza li tmur lura diversi snin, u bazata fuq il-premessa li meta jigi ffirmat Ftehim Kollettiv ma hemmx il-hsieb li dan ikun jorbot.

Din is-sitwazzjoni storika, pero`, hi partikolari ghall-Ingilterra, u dak li hu partikolari ghal, u karetteristiku ta', pajjiz iehor m'ghandux jigi impost fuq is-sistema guridika Maltija, bl-iskuza li f'oqsma ohra tal-ligi, il-Legislatur isegwi principji ta' dak il-pajjiz. Hawn Malta, m'ghandhiex storja twila ta' "collective bargaining", u zgur ma jistax jinghad li hi prassi jew intendiment komuni li il-hsieb tal-partijiet wara Ftehim Kollettiv hu li dan ma jkunx *legally binding*. Ta' l-anqas, ma jirrizultax li l-hsieb generali tal-Unions u ta' l-employers Maltin hu li dawn il-Ftehim ma jkunux enforzabbli gudizzjarjament. Anke fi Franza, fejn il-ligi ta' l-obbligazzjonijiet hi simili ghal taghna, il-Ftehim Kollettiv ghandu forza legali bejn il-kontraenti.

Fl-Ingilterra, in-nuqqas ta' enforzabbilita` ta' Ftehim Kollettiv hi bazata, kif intwera, fuq il-prezunta intenzjoni tal-partijiet li hekk ghandu jkun. Din il-presunzjoni, pero`, ma tistax tigi estrapolata fuq kontraenti ta' pajjiz iehor. Fis-sistema Maltija, l-intenzjonijiet ma jistghux jigu prezunti b'mod semplici, imma jridu jirrizultaw b'mod car u evidenti. Ir-rinunzji, per ezempju, li generalment ikunu impliciti u mhux espressi, iridu jirrizultaw minn fatti li juru (a) il-volonta` preciza li d-dritt qed jigi abbandunat, u li (b) li jkunu assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt (ara "Sammut v. Azzopardi", decisa minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 1993). Kif wiehed jista, allura, jipprezumi intenzjoni ta' non-ezegibilita` ta' Ftehim Kollettiv iffirmat bejn intrapriza u Union Maltija mis-semplici fatt li hekk tidher li hi l-posizzjoni fl-Ingilterra?

Fis-sistema Maltija, kull ftehim huwa ligi bejn il-partijiet, u jekk il-partijiet ma jridux jaghtu din il-forza lill-ftehim ta' bejniethom, dan iridu jaghmluh b'mod car u inekwivoku.

Fil-kawza "Gauci v. MCL Ltd" decisa minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru, 2003 intqal li:
"Illi biex ikun hemm il-kunsens tacitu hemm bzonn essenzjalment ta' zewg rekwiziti, cioe` li dak li jikkonsenti jkun pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti ta' l-att li jinghad li huwa qieghed tacitament jakkonsenti jew jaccetta, u di piu` illi l-komportament tieghu jkun tali li jkun inkonsiljabbli mal-volonta` tieghu, b'mod li l-kondotta tieghu ma tkunx tista' tigi spjegata b'mod iehor hlief li huwa accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta".

Ma jirrizultax li, f'pajjizna, jezisti dan il-kunsens tacitu jew *understanding* fost l-imsiehba socjali kollha, li Ftehim Kollettiv hu biss "peace treaty" bla ebda sahha legali.

Fil-kuntest Malti, dak li fl-Ingilterra huwa kkunsidrat bhala "binding in honour only", ghandu l-ekwivalenti tieghu fl-obbligazzjoni naturali. Fil-fatt, dak li qed tissottometti l-Union konvenuta hu li l-Ftehim Kollettiv in kwistjoni donnu ghandu n-natura ta' obbligazzjoni naturali, mhux enforzabbli izda jekk tigi effettwata, dak li jkun ma jistax ireggi lura. Fid-duttrina Rumana u kontinentali, il-kuncett ta' obbligazzjoni naturali hu limitat ghall-obbligazzjonijiet civili mankanti u ghall-obbligazzjonijiet morali u socjali. Taht l-ewwel kappa jidhlu dawk l-obbligazzjonijiet civili li, minhabba impediment legali, ma jistghux jigu enforzati (hekk, per ezempju, insibu obbligazzjonijiet preskritti, obbligazzjonijiet mhux maghmula fil-forma li trid il-ligi); dan zgur mhux il-kaz ta' Ftehim Kollettiv.

L-obbligazzjonijiet morali u socjali, huma dawk li skond Giorgio Oppo, ("Obbligazioni e Negozio Giuridico", CEDAM 1992), jirriflettu d-"doveri della morale sociale", jew kif inghad mill-Qorti ta' Appell ta' Potenza tat-8 ta' Marzu 1961 (kwotata fl-istess kbieb). "La morale media della collettivita` in un determinato momento storico". Filwaqt li fl-Ingilterra jidher li hemm dan il-"historical

understanding" li Ftehim Kollettiv huwa "binding in honour only", ma jirrizultax li dan huwa l-kaz hawn Malta.

Il-Union konvenuta invitat lil din il-Qorti tapprezza l-fatt li l-posizzjoni Maltija minn dejjem kienet konformi ma' dik ta' l-awturi u s-sentenzi inglizi ta' qabel ma dahlet fis-sehh l-*Industrial Relations Act* tal-1971 gewwa l-Ingilterra. Din l-allegata konformita`, pero`, ma gietx murija u pruvata. Il-posizzjoni legali hi li kull kuntratt validu jorbot lill-partijiet kontraenti u dan sakemm l-istess kontraenti ma jipprovdux mod iehor jew sakemm il-Legislatur ma jipprovdix mod iehor. F'dan il-kaz, il-Legislatur ma qal xejn dwar Ftehim Kollettiv, u kwindi dak il-kuntratt, bhal kull kuntratt iehor fil-kuntest Malti, ghandu forza ta' ligi ghall-partijiet (artikolu 992 tal-Kodici Civili) u enforzabbli bhala tali. Lanqas jista' jinghad li l-kundizzjonijiet u termini indikati fil-Ftehim Kollettiv huma daqshekk vagi li m'humiex suxxettibli ghal "specific performance". Ikun zball u kontradizzjoni legali jekk konswetudni Ingliza tigi adottata bhala punt kardinali ta' dritt fl-ordinament guridiku Malti.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza "Sammut v. Vassallo noe", decisa minnha stess fid-19 ta' Mejju, 2000, li kienet gia` hadet posizzjoni cara fir-rigward meta osservat li:
"Ir-relazzjonijiet guridici li jemanu minn Ftehim Kollettiv, *li indubbjament jikkostitwixxu kuntratt bejn il-firmatarji tieghu, u cioe`, il-Bank u r-rapprezentanti tal-haddiema, kienu relazzjonijiet li jemanu ex contractu u bhala tali sindikabbli mill-Qrati ordinarji*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Union konvenuta billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-Union konvenuta.

Tordna li l-atti jigu rinvjati quddiem l-ewwel Qorti biex il-kaz ikompli jinstema' skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------